# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' April 2002

Citazzjoni numru 1008/98 AJM

Kawza numru

George Spiteri (Successors) Limited

Vs

Anthony Cremona u Alexandra Palace Hotel Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-13 ta' Mejju 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut Anthony Cremona fl-10 ta' Dicembru 1997 talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv numru 6054/97 fl-ismijiet "Anthony Cremona vs Frans Spiteri ghan-nom u in rappresentanza tal-Alexandra Palace Hotel Limited" kontra s-socjeta' konvenuta l-ohra Alexandra Palace Hotel Limited; illi l-mandat gie ezegwit fuq oggetti mobili li jinsabu fil-fond Alexandra Palace Hotel, San Giljan; illi kemm l-immobili u cioe l-Alexandra Palace Hotel kif ukoll l-effetti mobili hemm kontenuti huma proprjeta' tas-socjeta' attrici hekk

kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut Anthony Cremona gie debitament infurmat mis-socjeta' attrici li l-oggetti mobili maqbuda bil-mandat ta' qbid mertu tal-kawza odjerna kienu jappartjenu lilha u talbitu johrog il-kontro mandat relattiv dan pemezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 1998; illi l-konvenut talab il-bejgh bis-subbasta tal-oggetti maqbuda u b'digriet tat-13 ta' Marzu 1998 din il-Qorti ffissat il-jum tat-22 ta' Mejju 1998 ghal bejgh bis-subbasta tal-oggetti maqbuda u dana skond avviz anness; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjaa li l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 6054/97 huma proprjeta' tas-socjeta' attrici;
2. konsegwentement tiddikjara li l-imsemmi mandat ta' qbid in kwantu jolqot l-oggetti li gew maqbuda bih, huwa ghalhekk null u bla effett;
3. tordna l-hrug ta'l-opportun kontro mandat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-itrra ufficjali tas-16 ta' Jannar 1998, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Alexandra Palace Hotel Limited tat023 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha hija ammettiet it-talbiet attrici.

Ratin-nota tal-konvenut Anthony Cremona presentata fit-3 ta'Mejju 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. L-irritwalita' u n-nullita' tal-azzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi ma gewx segwiti la l-procedura u lanqas il-forma stabbiliti espressament mil-ligi ghall-opposizzjoni ta' att esekuttiv.

2. Illi huwa kanonizzat kreditur tas-socjeta' l-ohra konvenuta u l-esekuzzjoni minnu mitluba kienet fuq oggetti li jinsabu fis-sede registrat tal-istess socjeta' konvenuta, u dan a tenur tal-artikolu 284 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kwalunke kaz, l-eccipjenti ma ndikax lill-ufficjal tal-qorti liema oggetti kellhom jinqabdu u lanqas li kellhom jinqabdu hwejjeg li mhux tad-debitur tieghu.
3. Illi ghalhekk jinkombi lis-socjeta' attrici li tipprova li l-oggetti milquta bil-mandat esekuttiv imsemmi huma taghha u li dan ma sarx bil-ghan li jqarraq il-qorti u bl-eccipjenti u jcahhdu indebitament minn jedd lilu spettanti.
4. Illi l-eccipjenti ma ghandux jbati l-ispejjes tal-azzjoni attrici, billi m'ghamel xejn hlief ipprova jesegwixxi titolu esekuttiv bil-mod preskritt mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Cremona.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Mejju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghat-22 ta' Ottubru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Novembru 1999 meta l-konvenut Cremona rrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti, u tas-sottomissjoni bil-miktub u orali tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'mandat ta' qbid esekuttiv mahrug fuq talba tal-konvenut Anthony Cremona kontra s-socjeta' Alexandra Palace Hotel Limited, gew maqbuda diversi oggetti mobbili li kienu jinsabu fil-lukanda Alexandra Palace Hotel, u dana in esekuzzjoni ta' kreditu kanonizzat b'sentenza tal-24 ta' Mejju 1996 li kkonfermat decizjoni tat-Tribunal Industrjali tad-19 ta' Frar 1991.

F'dawn il-proceduri qed jigi allegat mis-socjeta' George Spiteri (Successors) Limited li l-effetti mobbili fuq imsemmija jappartjenu lilha u mhux lis-socjeta' debitrici ta' Anthony Cremona u ghalhekk qed jintalab li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett l-imsemmi mandat u li tordna l-hrug ta' l-opportun kontro mandat.

Bhala provi attrici ghandna biss ix-xhieda ta' Frans Spiteri, li huwa l-manager tal-lukanda Alexandra Palace Hotel. Dan ix-xhud huwa ukoll direttur tas-socjeta' proprjetarja tal-istess lukanda u cioe s-socjeta' attrici, kif ukoll direttur tas-socjeta' li tiggestixxi l-istess lukanda u cioe s-socjeta' konvenuta Alexandra Palace Hotel Limited. Inoltre l-istess Frans Spiteri huwa s-segretarju taz-zewg socjetajiet. Gie prodott ukoll in sostenn tat-talba attrici Ray Mercieca li huwa l-awditur taz-zewg socjetajiet. Da parti tal-konvenut hemm biss l-affidavit tieghu li, apparti li juri l-frustrazzjoni u l-weggha tieghu minhabba li ma jistax jiehu dak li haqqu, ma jzid xejn ghad-dibattitu. Il-konvenut pero' ezebixxa l-Memorandum and Articles of Association taz-zewg kumpaniji nvoluti fil-kawza. Dawn biex juru l-konnessjoni li hemm bejn iz-zewg socjetajiet. Fl-ahharnett hemm in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' Alexandra Palace Hotel Limited li ma hi xejn hlief ammissjoni tat-talbiet attrici.

Ic-cirkostanzi tal-kaz jipprezentaw fatt cert u cioe li l-effetti mobbili maqbuda bil-mandat fuq imsemmi kienu hekk maqbuda waqt li dawn kienu fil-lukanda Alexandra Palace, proprjeta' tas-socjeta' attrici, u gestita mis-socjeta' konvenuta. Jirrizulta ukoll mill-atti li s-socjeta' Alexandra Palace Hotel Limited ghandha l-ufficcju registrat taghha fl-istess lukanda fejn hija tiggestixxi n-negozju taghha. Ghalhekk kien ragionevoli li terz, f'dan il-kaz il-konvenut Cremona, jitlob l-esekuzzjoni tas-sentenza favur tieghu fuq l-effetti mobbili li jinsabu gewwa l-istabiliment fejn l-istess socjeta' debitrici tiggestixxi n-negozju taghha u fejn hija registrata.

Dan pero' ma jfissirx li dik l-ezekuzzjoni saret korrettament, u cioe fuq effetti tad-debitur tal-konvenut, billi jirrizulta li hawn ghandna zewg kumpaniji li ghandhom personalita' guridika separata fejn qed jigi allegat li l-kumpanija debitrici ma ghandha xejn taghha f'dak l-fond fejn saret l-ezekuzzjoni u li l-effetti maqbuda huma tas-socjeta' attrici. Il-kwestjoni proprja li trid tigi ndirizzata ghalhekk tikkoncerna l-proprjetarju ta' dawn l-effetti mobbili.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li gie sottomess mid-difensur tal-konvenut Cremona, cioe l-indagini relatata mal-kuncett ta' "*lifting of the corporate veil*" minhabba l-mod kif inhuma gestiti jew amministrati z-zewg kumpaniji mhux relevanti fic-cirkostanzi billi, kif sewwa osserva d-difensur ta' l-attur, il-kuncett tal-"*lifting of the corporate veil*" jista' se mai jwassal biss ghar-responsabbilita' personali tad-diretturi tal-kumpanija debitrici u mhux li kumpanija estranea, jkollha kemm jkollha l-istess azzjonijsti u sahansitra l-istess diretturi, tigi kundannata li taghmel tajjeb ghad-debiti tal-kumpanija debitrici. Sitwazzjoni simili tista' biss tigi prospettata f'kaz li tinghata garanzija minn kumpanija favur kumpanija ohra ghall-esekuzzjoni ta' obbligi assunti minn din ta' l-ahhar.

Dan premess din il-Qorti tosserva li l-principju bazilari li jirregola proceduri gudizzjarji huwa dak li "*min jallega jrid jipprova."* Fi proceduri fejn qed jigi allegat li effetti mobbili huma ta' parti u mhux ta' ohra jispetta lill-attur li jressaq provi konvincenti li dak li qed jallega huwa minnu. Huwa principju assodat li ghar-rigward ta' effetti mobbili "*possesso vale titolo"*. Ghalhekk kien jinkombi lill-attur li jressaq provi konvincenti sabiex jwaqqa din il-presunzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur ma ghamilx din il-prova.

Mill-atti jirrizulta li Frans Spiteri kkonferma li l-effetti maqbuda huma tas-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk ghandux prova dokumentarja, distinta minn dak li jista' jkun hemm fl-accounts tas-socjeta' attrici, l-istess Spiteri stqarr li huwa ghandu l-ircevuti kollha relattivi ghall-effetti indikati fil-mandat. Izda dan naqas li jippresenta dawn l-istess dokumenti u sahansitra naqas ukoll li jippresenta kopji tal-accounts taz-zewg socjetajiet, ghalkemm din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar x'prova dawn l-accounts setghu taw.

Ix-xhud l-iehor Mercieca jghidilna li dak kollu li hemm, hlief xi "*consumables*" jappartjenu lis-socjeta' attrici billi anke dawk l-affarijiet li jinxtraw mis-socjeta' konvenuta, u din il-Qorti hawn tifhem "*bi flusha*" jsiru tas-socjeta' attrici bhala rizultat tal-"*current account*" li jezisti bejn iz-zewg socjetajiet li jigi regolarizzat fl-ahhar tas-sena. Ghalhekk hawn kien jispetta li s-socjeta' attrici tressaq prova tat-trasferiment tal-proprjeta' ta' dawn l-effetti minghand is-socjeta' konvenuta ghal ghand is-socjeta' attrici. Din il-prova reget ma saritx.

Din il-Qorti hija tal-fehma li, minghajr ma tabbraccja s-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenut Cremona dwar pratticita' jew espedjenza

minhabba r-rabta kbira li hemm bejn z-zewg socjetajiet involuti fil-kawza, l-prova li kellha tittressaq in sostenn tat-tezi attrici kellha tkun ferm aktar sostanzjali milli semplici dikjarazzjoni tal-parti interessata jew spjegazzjoni ftit li xejn vaga tal-awditur tas-socjetajiet involuti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Onor ImhallefAlbert J. Magri